# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 64/2015**

Il-Pulizija

(Spettur Ian Abdilla)

vs

**Duncan Buttigieg**

imwieled Pieta',  fit-3 ta' Mejju, 1983, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 244783(M)

Illum, 7 ta' Novembru, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Duncan Buttigieg quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fit-12 ta' Ottubru, 2012 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda -

1. b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta'

intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b'qerq ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erba' u disghin centezmu (€232.94) imma inqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu tal-**Gvern ta' Malta**;

U b'hekk, int **Duncan BUTTIGIEG**

a. sirt recediv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, b' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati tal-Magistrati (Malta) diversement preseduti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

b. wettaqt reat fi zmien il-perjodu operattiv ta' Ordni ta' Probation liema sentenza giet moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-2 ta' Frar, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 31, 49, 50, 308, 309, u 310 tal-Kodici Kriminali u l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta, taqta u tiddeciedi billi :

A. issib lill-imputat hati, bhala recidiv, ta` l-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu;
B. u filwaqt li qed titratta mal-hati skond l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

IKKUNDANNAT LILL-HATI DUNCAN BUTTIGIEG GHALL-PIENA KOMPLESSIVA TA` SENA (1) PRIGUNERIJA.

Il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni ghall-applikazzjoni tad-dispost ta` l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali stante li ma jezistux l-estremi ghal tali applikazzjoni.

In vista tal-verbal tas-seduta tal-14 ta` Jannar 2015, il-Qorti rrakkomandat lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta` Kordin sabiex jaghti lill-hati kull ghajnuna li huwa jitlob u tirrizulta mehtiega in konnessjoni ma sahhtu.

Rat ir-rikors tal-appellant Duncan Buttiegieg ipprezentat fit-13 ta' Frar, 2015 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevoka, thassar u tillibera lill-appellant minn kull htija.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi il-konkluzzjoni ta' sejbien ta' htija u aktar u aktar il-piena moghtija mill-ewwel Qorti, dik ta' sena prigunerija hija bid-dovut rispett skorretta u ghandha tigi revokata.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi din il-Qorti ftit li xejn ghandha xi tghid fuq dan l-appell li fil-fehma taghha huwa wiehed fierah.

Ghaldaqstant, ghal din ir-raguni din il-Qorti qed tichad l-appell ta' Duncan Buttigieg u tikkonferma s-sentenza appellata.